# Il-Ħadd 02.11.2014

1. Illum, il-Ħadd 2/11, **L-Għid tal-Imwiet** - Nitolbu għal ħutna l-mejtin:-
   - Mit-8:00am sas-1:00pm, fid-Dar tal-Arċipriet taż-Żurrieq tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru huma mitluba jieħdu magħhom l-karta tal-identità, u jkunu xorbu 2 tazzi ilma qabel.
   - Fil-quddiesa tal-5:30pm niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu matul din is-sena, familjari u parruċċani.
   - ***Infakkar li matul Novembru ċ-ċimiterju jkun miftuħ mit-8:00am sal-5:00pm.***
   - ***Infakkar ukoll li matul dan ix-xahar ta' Novembru tistgħu tiġu l-Uffiċċju Parrokkjali biex tiktbu l-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2015 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.***
2. It-Tlieta 4/11:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Inżuru l-knisja parrokkjali ta' Ħad-Dingli fejn ikollna Quddiesa u wara ikla f'restaurant il-Baħrija. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:30/2:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
3. L-Erbgħa 5/11:-
   - Mill-5:15pm sas-6:00pm ser jibda jiltaqa' l-Kor tat-tfal 'Kreattiv' ħalli jagħtu sehemhom fl-attivitajiet tal-Milied. Jistgħu jattendu tfal minn Yr 3 'l fuq, anke dawk li jmorru skejjel privati. Nieħdu gost b'membri ġodda. Dawk interessati huma mitluba jiġu hawn il-knisja. Jekk xi ħadd ma jistax jattendi imma jixtieq jieħu sehem, jagħti ismu lis-surmast Tony Pace jew lill-Kappillan.
4. Il-Ħamis 6/11:
   - Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Virtu', r-Rabat. Jibda b'quddiesa fid-9:30am u fis-6:30pm ikun hemm adorazzjoni u quddiesa mas-seminaristi.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
5. Il-Ġimgħa 7/11, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
6. Is-Sibt 8/11:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00am. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' Santa Luċija.
7. Il-Ħadd 9/11:-
   - Fl-4:00pm ikollna quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
   - Fis-6:00pm, fil-Knisja parrokkjali ta' Kristu Re - Raħal Ġdid, ser issir ċelebrazzjoni mmexxija minn Monsinjur Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku, li matulha ser jiġu ordnati 5 djakni, 1 minnhom patri. Nifirħulhom u nitolbu għalihom.
8. Il-Ġimgħa 14/11:-
   - Fis-7:15pm ser ikollna l-Assemblea Parrokkjali, jiġifieri laqgħa dwar il-Parroċċa tagħna u l-ħidma li nagħmlu. Din issir hawn fil-Knisja stess.
     ***Infakkrukom sabiex tiġu u tagħtu l-kontribut tagħkom.***
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 1,568 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes;
   - € 300 mill-Bazaar li sar b'risq il-Missjoni;
   - € 20 f'donazzjonijiet għall-manutensjoni tal-knisja.
   - € 190 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi.